# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 9 ta' Frar, 2022

Avviz tat-Talba numru: 191/2021 CL

It-Tribunal;

**360 Retail Supplies Ltd (C64900)**

**VERSUS**

**Mohammed Darwesh**

[K.I. NRU.122502A)

It-Tribunal;

Din hi sentenza dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenut.

1. B'Avviz tat-Talba mressaq nhar il-25 ta' Gunju 2021, is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigu kkundannati ihalsu l-ammont ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) rapprezentanti bilanc dovut minn merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut u mhux imhallsa.
2. Il-konvenut gie nnotifikat fit-3 ta' Novembru 2021 bl-avviz tat-talba izda naqas li jipprezenta risposta fi zmien mitlub mill-ligi.
3. illi fit-12 ta' Jannar 2022, li kienet fil-fatt l-ewwel dehra, rapprezentant legali tal-konvenut dehret quddiem it-Tribunal u pprezentat rikors seduta stante sabiex tiggustifika l-kontumacja tal-konvenut.
4. L-atturi ipprezentaw risposta ghal dan ir-rikors fl-20 ta' Jannar 2022 fejn opponew ghal din it-talba.

Fid-dawl ta' dak suefferit it-Tribunal jinnota illi meta l-konvenut ircieva l-avviz tat-talba huwa kien kellem lil avukat tieghu fit-18 ta' Novembru 2022 u ghalkemm kien fadal tlett ijiem sabiex tigi ipprezentata r-risposta, dan ma sarx u ghalhekk waqa' fis-stat tal-kontumacja. Minkejja li l-konvenut kien kellem l-avukat fit-18 ta' Novembru 2021, ir-rikors sabiex jiggustifika l-istat ta' kontumaci tieghu sar propju fit-12 ta' Jannar 2022, kwazi xahrejn wara, ghalkemm din kienet l-ewwel dehra.

Il-kontumacja hi deskritta bhala dispett lejn l-awtorità gudizzjarja izda fic-cirkustanzi it-Tribunal huwa soddisfatt illi il-fatt illi l-konvenut ikkomunika mal-avukat tieghu propju waqt illi kien ghaddej it-terminu ghar-risposta, ma jistax jigi ikkonsidrat bhala ghemil traskurat.

Ghaldaqstant, fid-dawl tac-cirkostanzi fuq deskritti, it-Tribunal jemmen li l-konvenut irnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu u f'dan is-sens dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-konvenuti kif dedotta fir-rikors tieghu ipprezentat waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar u qed jawtorizza u jordna lill-istess konvenut sabiex fi zmien tmintax (18)-il gurnata perentorji mid-data ta' din is-sentenza huma jghaddu biex iressaq risposta kontenenti l-eccezzjonijiet kollha tieghu dwar dan il-kaz.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**